C/2025/5614

16.10.2025

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Kawża M.12050 — KBC / 365.BANK)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(C/2025/5614)

1. Fit-8 ta' Ottubru 2025, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Din in-notifika tikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— KBC Bank NV ("KBC Bank", il-Belġju), ikkontrollat minn KBC Group N.V. (il-Belġju),

— 365.bank, a.s. ("365.bank", is-Slovakkja), ikkontrollat minn J&T FINANCE GROUP SE ("J&T", iċ-Ċekja).

KBC se takkwista, skont it-tifsira tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll esklużiv ta' 365.bank.

Il-konċentrazzjoni titwettaq permezz tax-xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma li ġejjin:

— Il-grupp KBC huwa grupp integrat ta' assigurazzjoni bankarja, li jkopri prinċipalment klijenti bl-imnut, bankarji privati, SMEs u dawk korporattivi. Is-swieq ewlenin tal-grupp KBC huma l-Belġju, ir-Repubblika Ċeka, is-Slovakkja, l-Ungerija u l-Bulgarija,

— 365.bank huwa bank kummerċjali fis-Slovakkja b'firxa sħiħa ta' prodotti u b'enfasi partikolarment qawwija fuq il-klijenti bl-imnut. 365.bank jopera bħala bank b'servizz sħiħ li joffri firxa wiesgħa ta' servizzi u prodotti lil individwi kif ukoll lil korporattivi.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont in-Notifika tal-Kummissjoni dwar trattament issimplifikat għal ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 dwar il-kontroll ta' konċentrazzjonijiet bejn impriżi ([2]) għandu jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fin-Notifika.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar il-konċentrazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn 10 ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Ir-referenza li ġejja għandha dejjem tiġi speċifikata:

M.12050 — KBC / 365.BANK

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 160, 5.5.2023, p. 1.

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-posta elettronika jew bil-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Indirizz elettroniku: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Indirizz Postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË